**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Lulju, 2019

Rat ir-rikors ta' Ommissis ghall-rimedju tal-*Habeas Corpus* pprezentat nhar it-2 ta' Lulju, 2019;

Semghet is-sottomissjonijiet orali fuq l-istess rikors maghmula mill-partijiet;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti;

Ikkunsidrat,

Qabel xejn ser tigi trattata l-eccezzjoni ssolevata mill-prosekuzzjoni dwar in-nullita` tar-rikors odjern.

Jirrizulta li ma hemm l-ebda kawza fl-ismijiet *Ommissis vs Direttur tal-Habs*, izda biss proceduriment penali li llum jinsab appuntat ghas-smigh quddiem il-Qorti tal-Minorenni bis-seduta li jmiss iffissata ghall-11 ta' Lulju, 2019, fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Ommissis*.

Ghalkemm id-difiza tikkontendi li r-rikors kellu jigi intavolat kontra dik l-awtorita` li qed izzomm taht detenzjoni lill-imputat u cioe` id-Direttur tal-Habs, dan l-argument ma jaghmel l-ebda sens legali jew mqarr fattwali.

L-imputat hu arrestat taht l-awtorita` tal-Qorti tal-Magistrati u mhux taht l-awtorita` tad-Direttur tal-Habs li lilu nghatat l-ordni li jzomm lill-imputat detenut.

Anzi, id-Direttur tal-Habs ikun qed jonqos serjament mid-dmirijiet tieghu jekk ma jzommx lill-imputat detenut hekk kif ordnat mill-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-29 ta' Gunju, 2019. Ghaldaqstant il-prosekuzzjoni ghandha ragun tilmenta dwar l-irritwalita` tar-rikors hekk kif intavolat.

Madanakollu w anke li kieku, ghall-grazzja tal-argument, din l-eccezzjoni ma jisthoqqilhiex akkoljiment, jibqa' l-fatt li r-rikorrent lanqas fil-mertu ma ghandu ragun.

Ir-rikorrent jishaq li r-rilaxx tal-imputat qed jintalab ai termini tal-artikoli 137 u 409A tal-Kodici Kriminali. Madanakollu filwaqt li l-artikolu 137 tal-Kodici jissanzjona bhala reat l-ghemil ta' Magistrat jew ufficjal tal-pulizija li jonqos jew jirrifjuta li jaghmel dmirijietu, l-artikolu 409A tal-Kodici li jittratta l-procedura applikabbli meta persuna mizmuma arrestata tallega li qed tinzamm detenuta kontra l-ligi, jipprovdi:

> **409A.** (1) Kull min jallega li jkun qiegħed jiġi detenut kontra l-liġi taħt l-awtorità tal-Pulizija jew ta' xi awtorità pubblika oħra **mhux f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi reat li dwaru qiegħed jiġi imputat jew akkużat f'xi qorti**, jista' f'kull waqt jagħmel rikors quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li għandu jkollha l-istess setgħat li għandha l-istess qorti bħala qorti istruttorja, fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-kustodja. …….

Mhemmx dubbju li f'dan il-kaz l-imputat hu detenut *inter alia* in konnessjoni ma reati ravvizati bl-artikoli 221, 251B u 325(1) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk certament dan l-artikolu ma jsibx applikazzjoni ghall-proceduri odjerni.

Fir-rikors minn tieghu r-rikorrent jikkontendi li f'kaz fejn hemm imputat minorenni, dan ghandu dejjem jitressaq quddiem il-Qorti tal-Minorenni galadarba l-Qorti tal-Magistrati tigi zvestita minn kull kompetenza.

Tali argument pero` ma jistax isib akkoljiment.

Huwa l-istess ***Att dwar il-Qorti tal-Minorenni*** li fl-artikolu 6(2) tieghu jipprospetta procedura bhal dik li korrettament giet adottata mill-Qorti tal-Magistrati fil-kaz in dezamina:

> (2) Meta waqt xi proċedimenti **quddiem Qorti tal-Maġistrati** dik il-qorti jidhrilha li l-persuna akkużata jew li dwarha jkunu qed isiru proċedimenti tkun taħt l-età ta' sittax-il sena, l-imsemmija qorti għandha **taġġorna l-każ u tirriferih lill-Qorti tal-Minorenni** li għandha tgħaddi biex **tisma' u tiddeċiedi l-każ daqslikieku l-proċedimenti jkunu nbdew quddiem l-imsemmija Qorti tal-Minorenni.**

Fil-fatt kif jixhed il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Gunju, 2019, l-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wara li hadet konjizzjoni tal-prezentata u giet trattata t-talba ghall-helsien mill-arrest, ordnat li l-atti jintbghatu lir-Registratur sabiex l-istess kaz jibda jinstema' quddiem il-qorti kompetenti. Dak il-kaz illum hu quddiem il-Qorti tal-Minorenni fejn ghandu jissokta nhar il-11 ta' Lulju, 2019.

Iktar minn hekk u kuntrarjament ghal dak li jissottometti r-rikorrent, **ma tezisti ebda regola** li tippreckludi li minorenni jitressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Mhemmx dubbju li japplika l-principlju ta' dritt *Ubi lex voluit dixit* u filwaqt li hi l-Qorti tal-Minorenni li giet <u>prekluza espressament b'disposizzjoni tal-ligi</u> li tisma' kazijiet fejn minorenni hu akkuzat m'ohrajn li mhumiex minorenni, meta fl-artikolu 6(3) tal-***Att dwar il-Qorti tal-Minorenni*** nsibu li:

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 3, u tas-subartikoli (1) u (2), il-Qorti tal-Minorenni ma tkunx kompetenti li **tisma'** akkużi kontra, jew proċedimenti oħra dwar, tifel jew żagħżugħ li jkun akkużat flimkien ma' xi persuna oħra li ma' tkunx tifel jew żagħżugħ.

ma tezisti ebda regola simili li tipprekludi li minorenni jitressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Fl-ahhar nett ma jistax ma jissemmix il-fatt li kienet l-istess difiza li mhux talli ma ikkontestatx il-validita` tal-arrest kif jixhed l-verbal tad-29 ta' Gunju, 2019, izda din ghaddiet biex tirrikonoxxi l-kompetenza tal-istess Qorti billi ghamlet talba quddiemha ghall-helsien mill-arrest tal-imputat!!

Ftit jiswa lilha li tikkontendi li qanqlet *"il-kwistjoni tal-kompetenza u l-arrest"* tenut kont tal-principju tad-dritt procedurali ***quod non est in actis non est in mundo!*** Jibqa' l-fatt li kwalunkwe decizjoni ta' dik il-Qorti *"li ma kienitx tal-fehma li setghet issir kontestazzjoni"* kienet wahda legalment korretta.

Ghar-ragunijiet premessi, t-talba ghar-rilaxx tal-imputat qed tigi michuda filwaqt li tenut kont li l-kaz ilu li gie assenjat lill-Qorti tal-Minorenni sa mid-29 ta' Gunju, 2019, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-tieni talba.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**